# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI INFERJURI

## MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M. (CARDIFF), ADV. TRIB. ECCL. MELIT.

**Illum, il-Ġimgħa, 25 ta' April 2025**

**Rikors Ġuramentat numru: 11/2014 BS**

**Carmel Azzopardi u b'digriet tal-14 ta' Marzu 2024 ġew maħtura bħala rappreżentanti ta' Carmel Azzopardi, t-tfal tiegħu Stephen Azzopardi, Josef Azzopardi u Alvin Azzopardi[1]**

**-vs-**

**Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u b'digriet tas-27 April 2016 l-isem ġie mibdul għal-Awtorità tal-Ippjanar[2]**

**Il-Qorti;**

**A. Preliminari:**

**Rat ir-rikors ta' l-attur Carmel Azzopardi magħmul ai termini tal-Artikolu 90(7) tal-Kap. 504, Liġijiet ta' Malta[3] li bih ppremetta:**

[1] Digriet a fol 230.
[2] Digriet a fol 68.
[3] Rikors a fol 1 u 2 b'dokumenti a fol 3 sa 5.

*Illi l-esponenti gie notifikat b'att gudizzjarju mahrug mill-Awtorita' intimata ai termini tal-artikolu 90, subincizi 5 u 6 tal-Kapitolu 504 tal-Ligijiet ta' Malta, permezz ta' liema ittra ufficjali l-esponenti gie interpellat ihallas lill-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-lppjanar is-somma ta' tlett elef, erba' mija u tmenin Ewro u disgha u sittin centezmu (€ 3,480.69), rapprezentanti allegat hlas dovut lill-istess Awtorita' ghal direct action, ossia l-esekuzzjoni tal-allegat avviz ta' twettiq numru ECF 844/96, konsistenti fit-tnehhija ta' hitan tal-franka u tnehhija ta' materjal inert u tindif tal-istess minn go sit sitwat fi Triq ta' Hamet, Xaghra, Ghawdex (kopja tal-ittra ufficjali hawn annessa u mmarkata Dokument CA 1);*

*Illi l-esponenti qieghed, ai termini tal-artikolu 90(7) tal-Kap 504 tal-Ligijiet ta' Malta, jirrispingi l-pretensjonijiet tal-Awtorita' intimata bhala infondati fid-dritt u fil-fatt, u dan in vista tas-segwenti:*

*Illi preliminarjament, il-Kap 504 tal-Ligijiet ta' Malta dahal fis-sehh fit-tlettax (13) ta' Lulju tas-sena elfejn u ghaxra (2010), u ghaldaqstant, I-provvedimenti tal-ligi hemm inkorporati ma humiex applikabbli ghall-proceduri odjerni, u dan stante li l-att li ai termini tieghu giet spedita l-ittra ufficjali dahal fis-sehh wara li l-azzjoni mertu tal-pretensjoni kienet esegwita. Il-ligi ma tistax tigi applikata retroattivament u ghalhekk it-talba ta' l-awtorita ma tistax tigi kkampata taht dik il-ligi.*

*Illi din l-azzjoni hija preskritta bit-trapass ta' sentejn ai termini tal-Artikoli 2137 u 2149(a) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Illi fi kwalunkwe kaz, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, kull individwu jew entita' ghandu jkun debitament notifikat bi kwalsiasi azzjoni li tista' tikkomprometti d-drittijiet tieghu, bhalma kienet l-ordni ta' infurzar odjerna. Illi kuntrarjament ghal dak mitlub permezz tal-Artikolu 86 subinciz (3) tal-Kap 504 tal-Ligijiet ta' Malta, li jaqra kif gej, l-ebda notifika ma giet debitament esgwita kif mitlub:*

> *Kopja tal-ordni jew avviz imsemmi fis-subartikoli (1) u (2) jista' wkoll jigi notifikat lil kull rapprezentant, bennej, kuntrattur jew haddiem fuq is-sit u l-Awtorita' tista' wkoll twahhal dan l-avviz f'pozizzjoni prominenti fuq punt tad-dhul fuq is-sit.*

*Illi la l-esponenti u lanqas hadd mill-haddiema tieghu, jew persuni minnu inkarigati ma kienu notifikati b'mod verbali jew bil-miktub dwar tali azzjoni, jew l-ordni ta' infurzar u wisq inqas ma gie mwahhal l-ebda avviz*

*f'pozizzjonijiet prominenti fid-dhul tas-sit in kwistjoni; Dan in-nuqqas jikkomprometti d-dritt ta' smigh xieraq ta' l-esponenti.*

*Illi ghalhekk l-azzjonijiet ta' l-Awtorita saru bi ksur tal-principji tal-gustizzja naturali u bi ksur tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem.*

*Illi x-xogholijiet imwettqa mill-Awtorita kienu jikkonsistu f'demolizzjoni ta' hajt li ma kienx propjeta ta' l-esponenti, kien hajt tat-triq u gie mibni mil-haddiema tal-gvern.*

*Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-awtorita trid iggib il-prova ta' l-ammont mitlub. L-Awtorita ghandha iggib prova dettaljata ta' kif waslet ghal dan il-kont, kif ukoll taghti prova illi dawn kienu l-ahjar prezzijiet fis-suq u dan in linja mal-principju tal-minimizazzjoni ta' danni.*

**Talab għalhekk lill din il-Qorti sabiex tiddikjarja:**

1) *li l-ammont mitlub mill-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar ma huwiex dovut, u dan stante dak kollu fuq premess,*

2) *fin-nuqqas ta' l-akkoljiment ta' l-ewwel talba l-ammont mitlub huwa wiehed ezegerat u ghandu jigi rivedut. Fi kwalunkwe kaz l-esponenti ma ghandu qatt ikun tenut illi jhallas ta' infurzar li sar fuq xoghol li ma ghandux x'jaqsam mieghu u dan b'referenza specifika ghal hajt tat-triq.*

**Rat ir-risposta ta' l-Awtorita' tal-Ippjanar[4] li eċċepit:**

*Illi r-rikors ta' Carmel Azzopardi ghandu jigi michud, u dana billi r-ragunijiet migjuba minnu in sostenn tar-rikors tieghu huma legalment inammissibbli, u fattwalment skorretti.*

1) *Illi in kwantu ghall-ewwel raguni migjuba mir-rikorrent in sostenn tat-talbiet tieghu, u cioe' li ma setghetx tintuza l-procedura adottata mill-Awtorita' esponenti ghal djun li jirreferu ghal direct action li tirrisali qabel id-dhul fis-sehh tal-artikolu tal-ligi li jaghti l-fakulta' lill-Awtorita' li tmexxi b'din il-procedura, din hi raguni li ma hijiex wahda tajba. Dak li qed isostni r-rikorrent iwassal, bir-rispett, ghal sitwazzjoni assurda, biex*

[4] Risposta a fol 14 sa 15a b'dokumenti a fol 16 sa 19.

*jinghataw zewg ezempji biss, illi jekk illum tinfetah kawza dwar fatt li sehh fis-sena 2002, wiehed irid jipprezenta citazzjoni u mhux rikors mahluf; jew li l-ittra ufficcjali kontemplata fl-artikolu 166A tal-Kap 12 ma setghetx tintuza ghal djun li kienu jirrisalu ghal qabel is-sena 2004 meta gie introdott dan l-artikolu. Illi hu principju legali stabbilit li "ligijiet godda tal-procedura skond principji mhux kontestati jidhlu ghall-applikazzjoni immedjatament meta ma hemmx disposizzjoni kuntrarja" – "Giorgio Gauci –vs- Felice Abela nomine", Appell Civili, 14 ta' Frar 1936. Aktar minn hekk, il-ligi procedurali tista' sahansitra tapplika b'mod retroattiv fil-kaz ta' proceduri gja mibdija, wisq u wisq izjed fil-kaz odjern meta l-Awtorita' inqdiet b'disposizzjoni tal-ligi zmien wara d-dhul fis-sehh taghha. Iz-zmien li ghalih tirrisali l-pretensjoni tal-Awtorita' hu ghalhekk irrilevanti. Li jghodd hu li l-Awtorita' uzat ghodda procedurali fi zmien meta l-ligi kienet taghtiha s-setgha li tuza tali dritt, u li d-debitur ghandu access ghal Qorti biex jikkontesta t-talba tal-Awtorita'.*

2) *Illi I-Artikoli tal-preskrizzjoni nvokati mir-rikorrent m'humiex applikabbli ghall-finijiet tal-procedura odjerna.*

3) *Illi t-tielet "raguni" migjuba mir-rikorrent hija fiergha u inveritjiera ghall-ahhar. Tali "raguni" turi kemm ir-rikorrent effettivament jaf li m'ghandu l-ebda raguni valida fil-mertu biex jopponi dak dovut lill-Awtorita', u ghalhekk qed jipprova jiggranfa ma' kollox. Jirrizulta li fit-30 ta' Mejju 1996, kien inhareg avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq kontra r-rikorrentt u dan l-avviz gie debitament notifikat lilu fit-13 ta' Gunju 1996, Dokument A u B annessi. Dwar dan, m'hemmx l-icken dubju, u l-aqwa konferma tan-notifika tal-enforcement notice in kwistjoni huwa l-appell mill-istess notice, ntavolat mir-rikorrent quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar, liema appell gie ipprezentat fid-19 ta' Gunju 1996, sitt ijiem wara li r-rikorrent gie notifikat bl-istess Avviz, Dokument C anness.*

4) *Illi fl-appell imsemmi, l-Bord tal-Appell Dwar L-Ippjanar ippronunzja ruhhu kif gej, "Ghalhekk, il-Bord qed jichad l-appell, jikkonferma l-avviz biex tieqaf u ta' twettiq u qed jordna li l-avviz ta' twettiq jigi fis-sehh fi zmien wiehed u ghoxrin-il gurnata mil-lum." Ir-rikorrent m'appellax minn din d-decizjoni, kif kellu dritt li jaghmel skond il-Ligi, u ghaldaqstant wara li ghadda it-terminu ta' 21 gurnata imsemmi fl-istess decizjoni, l-avviz in kwistjoni sar ezekuttiv fis-sens li l-Awtorita' esponenti setghet tghaddi ghal direct action, kif fil-fatt sehh.*

5) *Illi l-Artikolu 86 tal-Kap. 504, korrettament citat mir-rikorrent, jimponi obbligu ta' notifika fir-rigward "tal-ordni jew avviz imsemmi fis-subartikoli (1) u (2)", u cioe' n-notifika tal-hekk imsejjha stop jew enforcement notice; obbligu illi gie ndubjament osservat mill-Awtorita' fil-kaz de quo. Issa, f'kaz illi l-contravenor jinjora tali Avviz, jibqa' jwebbes rasu u jippersisti li ma jnehhiex l-illegalijiet minnu kommessi, il-Ligi taghti l-poter lill-Awtorita' sabiex tintervjeni b'direct action bil-ghan illi twaqqaf tali illegalita' hija stess, u b'hekk tezegwixxi, fin-nuqqas tal-contravenor, l-ordni jew avviz li bih l-istess contravenor ikun gie notifikat. L-Awtorita' m'ghandha assolutament l-ebda obbligu illi tinforma ghal darb'ohra lill-contravenor bin-nuqqas (ripetut) tieghu illi jottempera ruhhu ma l-avviz in kwistjoni qabel ma tghaddi sabiex tezercita l-poteri taghha taht l-Artikolu 90 tal-Kap. 504 u tnehhi kull forma ta' illegalita' ezistenti fuq is-sit (ara l-istess Artikolu 90 tal-Kap. 504).*

6) *Illi huwa ghalhekk inkoncepibbli illi jigi allegat ksur tal-principji tal-gustizzja naturali, tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni fuq il-bazi li l-Awtorita' ma nfurmatx lir-rikorrent bl-azzjoni li kienet ser tiehu sabiex tnehhi illegalita' li r-rikorrent kien ilu zmien twil avzat biex inehhi! Jekk xejn kien ir-rikorrent stess illi agixxa bi ksur tad-decizjoni tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar meta baqa' jinsisti li jinjora l-ordni li inghatatlu fl-enforcement notice in kwistjoni wara li l-istess ordni giet ikkonfermata bl-imsemmija decizjoni tal-appell. F'dan ix-xenarju, l-Awtorita' obbligu wiehed kellha; u cioe' dak li tiehu azzjoni sabiex twaqqaf tali illegalita'.*

7) *Illi in ogni kaz, l-allegazzjoni illi "l-azzjonijiet ta' l-Awtorita' saru bi ksur tal-principji tal-gustizzja naturali u bi ksur tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni" huma lanjanzi ta' indoli kostituzzjonali/konvenzjonali li jezorbitaw mill-gurisdizzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti u certament illi ma jistghux jigu avvanzati fi proceduri bhal dawn, apparti li m'humiex fondati.*

8) *Hija ukoll inveritjiera l-allegazzjoni tar-rikorrent illi x-xogholijiet imwettqa mill-Awtorita' kienu jikkonsistu f'demolizzjoni ta' hajt li ma kienx propjeta ta' l-esponenti, kien hajt tat-triq u gie mibni mil-haddiema tal-gvern. F'dan ir-rigward huwa bizzejjed illi ssir riferenza ghad-decizjoni tal-Bord tal-Appell citata supra, fejn l-istess r-rikorrent kien iddikjara illi (i) huwa "<u>sid il-fond</u>" li ghalih taghmel riferenza l-enforcement notice in kwistjoni, u (ii) li "<u>ix-xoghol li ghamel jikkonsisti filli inbena hait tal-kantun bil-'weep holes' matulu kollu</u>." Huwa ghalhekk evidenti illi b'din*

*l-azzjoni tieghu r-rikorrent qieghed jittenta jizgwida lill-Qorti b'espozizzjoni ta' fatti li m'ghandhiex mis-sewwa.*

9) *Illi fir-rigward ta' dak illi inghad fl-ahhar paragrafu, jigi rilevat illi dawn huma proceduri istitwiti mir-rikorrent fejn qieghed javvanza numru ta' allegazzjonijiet bil-ghan li jikkontesta l-ittra ufficjali tat-23 ta' Gunju 2014, ipprezentata fil-konfront tieghu mill-Awtorita' esponenti ai termini tal-artikolu 90 (5) u (6) tal-Kap. 504 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi ghalhekk "il-piz tal-prova tispetta lill-attur li jipprova dak li qed jallega fir-rikors promotur, u dan in liena mal-principju bazilari illi "min jallega irid jipprova". Jispetta lill-attur Carmel Azzopardi illi jibda sabiex iressaq il-provi tieghu in sostenn ta' dak minnu allegat u jekk ir-rikorrent jonqos milli jipprova l-kaz tieghu, l-Awtorita' esponenti lanqas biss ma hija mehtiega illi tressaq provi sabiex tirribatti l-allegazzjonijiet tar-rikorrent.*

10) *Illi fi kwalunkwe' kaz, wara li r-rikorrent jiddikjara l-provi tieghu maghluqa, l-Awtorita' esponenti m'ghandha l-ebda diffikulta' illi tressaq il-provi opportuni li jikkonfermaw bic-car illi ammont mitlub minnha huwa pjenament gustifikat u jirrifletti precizament l-ammont ta' hlasijiet inkorsi mill-Awtorita' biex seta' jigi esegwit id-direct action mertu tal-kaz odjern.*

11) *Illi in vista ta' dak kollu hawn fuq premess, l-ewwel talba attrici m'hijiex misthoqqa. Hadd ma jista jippretendi li jitla' 'l fuq mill-ligi, jikkommetti l-illegalitajiet, jippersisti fl-illegalitajiet tieghu u ma jnehhix l-istess, imbaghad meta l-Awtorita' regolatorja tkun kostretta tagixxi, jirrifjuta li jhallas ghall-ispejjez konnessi ma' tali azzjoni, liema spejjez fl-ahharnett iridu jigu sopportati mit-taxxi ta' cittadini ohra li josservaw il-ligijiet tal-pajjiz u li ma jghaddilhomx minn mohhom li jwettqu l-illegalijiet li wettaq ir-rikorrent, u ghalhekk lanqas ghandhom ikunu cittadini onesti li jbatu ghan-nuqqasijiet tar-rikorrent.*

12) *Illi t-tieni talba attrici tammonta ghal rinunzja tal-preskrizzjoni sollevata mil-listess attur.*

*Illi ghar-ragunijiet premessi, it-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda, bl-jspejjez kontra l-istess rikorrent.*

**Fliet l-atti.**

**Rat** l-ittra uffiċjali mibgħuta mill-Awtorita' konvenuta lill-attur oriġinali, Carmel Azzopardi, datata t-23 ta' Ġunju, 2014[5] b'fattura numru "INV5959" datata l-14 ta' Settembru, 2009 annessa magħha.[6]

**Rat** l-Avviż Biex Tieqaf u ta' Twettiq numru ECF/844/96 datat it-30 ta' Mejju, 1996 u maħruġ mill-Awtorita' konvenuta lill-attur oriġinali Carmel Azzopardi;[7] dokument li juri notifika ta' ittra magħmulha bill-pustier nhar it-13 ta' Ġunju, 1996,[8] u; deċiżjoni tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar nogħtija nhar it-30 ta' Settembru, 1997 fl-ismijiet *Carmel Azzopardi vs l-Awtorita' ta' l-Ippjanar*.[9]

**Rat** li fl-udjenza tad-9 ta' Ġunju, 2015 l-attur Carmel Azzopardi ddikjara l-provi tiegħu dwar il-preskrizzjoni magħluqha.[10]

**Rat** il-vera kopja tal-ittra uffiċjali tat-23 ta' Ġunju, 2014 – ittra numru 327/14 – kompriż fiha t-timbru tan-notifika li juri li l-istess kienet validament notifikata lill-attur nhar it-2 ta' Lulju, 2014.[11]

**Rat** li fl-udjenza tas-27 ta' Ottubru, 2016 l-Awtorita' konvenuta ddikjarat l-provi tagħha dwar il-preskrizzjoni magħluqha.[12]

**Rat** li fl-udjenza tal-10 ta' Mejju, 2017 l-attur irtira t-talba preliminari tiegħu dwar il-preskrizzjoni.[13]

**Rat** in-nota tal-atturi tat-22 ta' Frar, 2023 b'anness magħha varji dokumenti li juru talba magħmulha mill-attur oriġinali Carmel Azzopardi sabiex itellgħa ħajt ta' retenzjoni – talba magħmulha fl-1997, wara li kien inħareġ l-Avviz Biex Tieqaf u ta' Twettiq mertu ta' dawn il-proċeduri.[14]

---

[5] Kopja fotostatika annessa mar-rikors promotur a fol 3 sa 5.
[6] Kopja fotostatika tal-fattura a fol 5.
[7] Kopja fotostatika a fol 16.
[8] Kopja fotostatika a fol 17.
[9] Kopja fotostatika tad-deċiżjoni a fol 18 sa 19.
[10] Verbal a fol 42.
[11] Vera kopja tal-ittra uffiċjali a fol 65, anness magħha l-kont numru "INV5959" a fol 66, id-dikjarazzjoni opportuna a fol 67. Timbru tan-notifika in verso paġina tal-fol 65.
[12] Verbal a fol 71.
[13] Verbal a fol 74.
[14] Nota a fol 173, dokumenti a fol 174 sa 188.

**Rat** li fl-udjenza tal-5 ta' Mejju, 2023 l-atturi ddikjaraw il-provi tagħhom magħluqha.[15]

**Rat** li fl-udjenza tas-17 ta' Novembru, 2023 l-Awtorita' konvenuta ddikjarat il-provi tagħha magħluqha.[16]

**Rat** li fl-udjenza tat-8 ta' Novembru, 2024 il-partijiet ilkoll qablu sabiex il-kawża titħalla għas-sentenza bil-fakolta' li jitrattaw verbalment.[17]

**Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża**, inkluż id-dokumenti eżebiti u verbali kif ukoll it-traskrizzjonijiet tax-xhieda kollha u affidavits.

**Rat** li fl-udjenza tat-12 ta' Frar, 2025 il-kawża ġiet differita għal-llum għas-sentenza.[18]

## B. Provi:

**Semgħat ix-xhieda bil-ġurament u rat dik magħmulha bil-proċedura tal-affidavit, ta':**

**Carmel Azzopardi**, attur oriġinali, xehed permezz ta' affidavit limitatament rigward il-preskrizzjoni allegata minnu fil-konfront tal-ammont mitlub mill-Awtorita' konvenuta.[19]

Jiddikjara li l-azzjoni diretta ttieħdet mill-Awtoirta' konvenuta fit-30 ta' Lulju, 2009 kif jirriżulta mid-dokument – ossia fattura – anness mal-ittra uffiċjali tal-Awtorita' stess.

Iżid li minn dakinhar 'il quddiem huwa ma' rċieva ebda ittra uffiċjali jew komunika oħra mingħand l-Awtorita' għajr għall-ittra uffiċjali tat-23 ta' Ġunju, 2014 – dik *ivi* kkontestata.

---

[15] Verbal a fol 193.
[16] Verbal a fol 214 u 215.
[17] Verbal a fol 237.
[18] Verbal a fol 238.
[19] Affidavit a fol 35.

**Mark Ċini**, in rappreżentanza tal-Awtorita' konvenuta, xehed[20] li l-każ *de quo* jirrigwarda l-Avviż Biex Tieqaf u ta' Twettiq numru ECF/844/1996 maħrug lill-attur nhar it-30 ta' Mejju, 1996. Jeżebixxi vera kopja tal-istess.[21]

Jgħid li minn tali Avviż kien sar appell bin-numru referenzjali PAB 400/96 liema appell kien ġie deċiż fit-30 ta' Settembru, 1997. Jiċċita mid-deċiżjoni tal-Appell li tirreferi għall-Avviż Biex Tieqaf u ta' Twettiq. Jeżebixxi vera kopja tad-deċiżjoni tal-Appell.[22]

Jgħid li żmien wara l-appell saru spezzjonijiet minn fejn irriżulta li l-illegalitajiet baqgħu ma' tneħħewx b'dan li kien fadal il-ħajt mibni mingħajr permess u fuq is-sit kienu qed jiġu parkeġġjati varji vetturi. Jgħid li hawn ingħataw struzzjonijiet sabiex l-Awtorita' tmexxi bl-azzjoni diretta ossia; bil-proċeduri ta' infurzar.

Jgħid li għalhekk, fit-30 ta' Lulju, 2009 fuq is-sit marru l-kuntratturi nkarigati mill-Awtorita' flimkien ma' rappreżentanti tal-Awtorita' sabiex ineħħu l-illegalitajiet.

Jgħid li fl-azzjoni diretta pparteċipaw membri tal-Awtorita', membri tal-Korp tal-Pulizija, u l-kuntratturi *Central Asphalt Limited*.

Jgħid li wara li saret l-azzjoni diretta ntbgħat kont lill-attur. Iżid li l-kont iġib id-data tal-14 ta' Settembru, 2009 hu kien għal total ta' € 3,480.69.

Jgħid li qabel jinħareg il-kont mill-Awtorita', l-istess Awtorita' tkun irċiviet il-kontijiet relattivi mingħand il-kuntrattur u mingħand il-pulizija.

Jgħid li l-Awtorita' tibgħat il-kont tagħha lid-debitur permezz ta' ittra uffiċjali. Iżid li f'dan il-każ lill-attur intbgħatitlu l-ittra uffiċjali tat-23 ta' Ġunju, 2014.

**In kontro-eżami**, xehed[23] li l-kont li ntbgħat mill-Awtorita' huwa għal xogħolijiet li saru u jkopri biss spejjeż relatati mall-azzjoni diretta.

---

[20] Traskrizzjoni a fol 43 sa 46.
[21] Vera kopja tal-Avviż a fol 48.
[22] Vera kopja tad-deċiżjoni tal-Appell a fol 49 sa 50a.
[23] Traskrizzjoni a fol 46 u 47.

**Xehed ulterjorment**[24] li l-azzjoni diretta seħħet nhar it-30 ta' Lulju, 2009, il-pulizija bagħtu l-kont tagħhom lill-Awtorita' nhar l-10 ta' Awwissu, 2009,[25] il-kuntrattur *Central Asphalt Limited* bgħat il-kont tiegħu lill-Awtorita' nhar is-17 ta' Awwissu, 2009,[26] u l-Awtorita' ħarġet il-kont aħħari tagħha nhar l-14 ta' Settembru, 2009[27] liema kont ġie notifikat lill-attur bil-pustier nhar it-22 ta' Settembru, 2009.

Jgħid li l-Avviż Biex Tieqaf u tq' Twettiq kien notifikat lill-attur bil-pustier nhar it-13 ta' Ġunju, 1996.

Jeżebixix kopji tal-kontijiet kollha relattivi – ref. hawn aktar 'il fuq – kif ukoll il-*pink card* dwar in-notifiki tat-13 ta' Ġunju, 1996[28] u tat-22 ta' Settembru, 2009.[29]

**Xehed ulterjorment**[30] dwar il-kont li ntbgħat mill-Awtorita' konvenuta lill-attur oriġinali Carmel Azzopardi u kif inħareġ l-istess.

Jgħid li hu ma' kienx direttament involut fil-ħdiem tal-kont. Iżid li l-kontijiet tal-pulizija u tal-kuntrattur li fuqhom inħadem dak tal-Awtorita' li jinkludi wkoll spejjeż dovuti lill-Awtorita' jinsabu fil-proċess.

Jgħid li dakinhar li nħareġ l-Avviż Biex Tieqaf u ta' Twettiq numru ECF/844/96 huwa kien jaħdem fis-sezzjoni tal-infurzar.

Jirreferi għad-deċiżjoni tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar numru PAB 400/96 mogħtija nhar it-30 ta' Settembru, 1997. Jgħid li dan kien appell mill-Avviż numru ECF/844/96. Jiċċita x-xhieda mogħtija mill-aġent tal-infurzar John Attard kif imnissla fid-deċiżjoni tal-appell.

Jeżebixxi sensiela ta' ritratti li juru l-ħajt li kien suġġett għall-Avviż Biex Tieqaf u ta' Twettiq.[31]

Jaqbel li l-kont li ntbgħat mill-Awtorita' konvenuta lill-attur Carmelo jirrifletti l-ispejjeż sabiex inqala tali ħajt.

---

[24] Traskrizzjoni a fol 53 sa 55.
[25] Kopja tal-kont a fol 60.
[26] Kopja tal-kont a fol 62.
[27] Kopja tal-kont a fol 57.
[28] Prova ta' notifika bil-pustier a fol 56.
[29] Prova ta' notifika bil-pustier a fol 63.
[30] Traskrizzjoni a fol 78 sa 86.
[31] Ritratti a fol 94 sa 96.

Jaqbel li dokument li eżebixxa sabiex juri kif inħadem il-kont li ntbgħat mill-Awtorita' lill-attur oriġinali juri rendikont dettaljat tal-ispejjeż kollha li kienu ġew inkorsi.[32] Jgħid li l-persuna li isimha jidher fuq tali dokument – Brian Borg – tkun dik li tkun ħarġet il-kont tal-Awtorita'. Jgħid li l-apporzjonament tal-ispejjeż tal-pulizija u l-kuntrattur ikun sar minn tali persuna.

Jaqbel li l-fatturi li ntbgħatu lill-Awtorita' mill-pulizija u mill-kuntrattur *Central Asphalt Limited* jinkorporaw fihom spejjeż li tali żewġ entitajiet għamlu fuq varji azzjonijiet diretti, mhux biss dwar dik mertu tal-proċeduri odjerni.[33] Iżid li l-ispejjeż jinqasmu proporzjonalment skond il-ħin li jkun ittieħed fuq kull sit.

Jgħid li l-membri tal-Awtorita' li jkunu fiq is-sit waqt azzjoni diretta jkunu jissorveljaw x-xogħol li jkun qiegħed isir.

Mistoqsi għalfejn kien hemm disgħa min-nies fuq is-sit in mertu u jekk dawn kienux ilkoll neċessarji jgħid li tali deċiżjoni ma' tkunx ittieħdet minnu li dakinhar kien fuq l-infurzar.

**Xehed ulterjorment[34]** billi rribadixxa li l-każ in mertu jirreferi għall-Avviż Biex Tieqaf u ta' Twettiq numru ECF/844/96 maħrug mill-Awtorita' konvenuta kontra l-attur oriġinali Carmel Azzopardi dwar illegalita' f'sit fl-inħawi "Ta' Ħamet", fix-Xagħra, Għawdex. Iżid li l-illegalita' kienet tikkonsisti f'bini ta' ħajt.

Jgħid li minn tali Avviż kien sar appell mill-istess Carmel Azzopardi quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar. Iżid li tali appell kien ġie deċiż nhar it-30 ta' Settembru, 1997 b'deċiżjoni li ċċitata l-Avviż.

Jgħid li billi t-terminu ta' 21 jum impost fid-deċiżjoni tal-appell skada rrimedjabilment, l-Awtorita' assumiet id-dritt tmexxi b'azzjoni diretta u b'hekk tidħol fis-sit u tneħħi l-illegalitajiet hi stess, a spejjeż ta' Carmel Azzopardi.

[32] Dokument a fol 88.
[33] Kontijiet a fol 91 – tal-pulizija – u 92 – ta' *Central Asphalt Limited*.
[34] Traskrizzjoni a fol 112 sa 120.

Jgħid li l-Awtorita' hekk għamlet billi mexxiet bl-azzjoni diretta ta' infurzar. Jgħid li tali azzjoni diretta seħħet nhar it-30 ta' Lulju, 2009. Iżid li wara l-azzjoni diretta nħarġu l-kontijiet opportuni u ntbgħat kont aħħari lill-Carmel Azzopardi.

Jgħid li ma' tissusti ebda obbligazzjoni li l-Awtorita' toħroġ xi notifika dwar li tkun ser tieħu azzjoni diretta.

Jgħid li fl-azzjoni diretta relattiva tneħħew il-ħitan illegali kif ukoll numru ta' vetturi u materjal ieħor. Jeżebixxi sensiela ta' ritratti li juru l-attivita' li seħħet dakinhar tal-azzjoni diretta.[35]

Jerġa jeżebixxi kopja tal-fattura finali li ntbgħatet mill-Aworita' lill Carmel Azzopardi u tal-kontijiet tal-pulizija u tal-kuntrattur li jinkorporaw fihom xogħol relattiv għas-sit tal-istess Azzopardi.[36]

Jispjega minn kien il-personal tal-Awtorita' li dakinhar tal-azzjoni diretta kien preżenti fuq is-sit u għalfejn kien hekk preżenti. Jgħid li mal-ispejjeż relatati ma' tali tlett membri tal-personal jiżdiedu wkoll spejjeż amministrattivi li tkun inkorriet l-Awtorita'.

Jispjega kif inħadmu l-ispejjeż relattivi għax-xogħol tal-pulizija u tal-kuntrattur.

Jispjega kif il-varji membri tal-pulizija nqassmu fuq żewġ siti b'dan li l-ispejjeż relattivi għas-sit in mertu kienu dawk uniċi li tniżżlu fuq il-kont referibbli għall-attur Carmel Azzopardi.

Iżid li waqt azzjoni ta' infurzar il-preżenza tal-pulizija tkun meħtieġa sabiex ikun żgurat l-ordni pubbliku. Jgħid li n-numru ta' uffiċjali preżenti fuq sit waqt azzjoni diretta jkun dejjem determinat mill-pulizija stess. Jgħid li fil-każ in eżami kien ġie determinat li tlett uffiċjali tal-pulizija kienu biżżejjed.

Jgħid li bl-istess raġunament l-Awtorita' tqabbad kuntrattur li, skond in-natura tax-xogħolijiet, jiddeċiedi hu kemm jibgħat nies fuq is-sit u x'jibgħat bħala makkinarju.

---

[35] Ritratti a fol 123 sa 139.

[36] Dokumenti varji diġa' qabel eżebiti in atti a fol 140 sa 144. Kopja tal-fattura tal-kuntrattur *Central Asphalt Limited* reża aktar leġġibbli a fol 143.

Jgħid li fl-istess jum tal-azzjoni diretta in mertu l-Awtorita' kienet wettqet azzjoni diretta oħra.

Jgħid li wara li saret il-kumpatazzjoni tal-kont relattiv għas-sit tal-attur Azzopardi nħarġet ittra. Iżid li minkejja dan l-ispejjeż baqgħu ma' tħalssux u għalhekk saret ukoll ittra uffiċjali. Jerġa jeżebixxi kopja tal-ittra uffiċjali.[37] Jeżebixxi wkoll kopja tal-ewwel ittra.[38]

Jgħid li wara dan l-attur beda dawn il-proċeduri.

**Stephen Azzopardi**, iben l-attur Carmel Azzopardi, xehed[39] li huwa ma' jafx b'Avviż Biex Tieqaf u ta' Twettiq maħrug lilhom f'Mejju, 1996. Iżid li jaf biss li kien sab karta mwaħħla mat-trakk. Jgħid li l-karta hu qara x'kienet tgħid u skontu kienet ordni sabiex ineħħi t-trakk.

Jgħid li fuq is-sit kien hemm ħitan li kien bnihom in-nannu tiegħu.

Jgħid li huma mbagħad kienu għamlu applikazzjoni. Iżid li hemm kien ilu mibni bil-kantun tal-ġebel għax nannuh kantun kien ikollu stante li huma bil-barrieri, mhux sejjiegħ.

Jgħid li l-ħitan kienu mibnija iżda x-xita waqqgħat minnhom. Iżid li mbagħad huma applikaw biex jirranġaw il-ħitan. Jgħid li l-applikazzjoni tagħhom kienet ġiet aċċettata. Jgħid li tali applikazzjoni u l-approvazzjoni tal-permess seħħew qabel ma' l-Awtorita' daħlet bl-azzjoni diretta.

Jgħid li l-approvazzjoni nħarġitilhom fid-9 ta' Novembru, 2000.

Iżid li hu ma' jafx għalfejn saret azzjoni diretta meta kellhom il-permessi. Jgħid li dakinhar huma marru fuq il-pulizija bil-karti iżda dawn qalulhom li l-ħajt kellu jinqala. Iżid li l-Awtorita' għaddiet sabiex qalgħat il-ħajt mill-qiegħ.

---

37 Ittra uffiċjali a fol147 u 148 inkluż in verso paġina.
38 Ittra datata l-15 ta' Mejju, 2014 a fol 145. Prova tan-notifika tal-istess permezz tal-pustier a fol 146.
39 Traskrizzjoni a fol 188a sa 188f.

Jgħid li huma kien ilhom żmien li applikaw u dak iż-żmien anqas ħlas ma' kien isir, wieħed kien biss jindika x'ħitan tas-sejjiegħ rid jibni, anke jekk bil-franka.

Jgħid li ma' jafx kemm għaddha żmien minn dakinhar li ottjenew il-permess għal dakinhar li seħhet l-azzjoni diretta. Iżid li hu sab biss karta mat-trakk b'dan li huma mbagħad ma taw każ ta' xejn. Iżid li hu kien ħaseb li l-karta kienet biss dwar it-trakk u kien biss wara li saret l-azzjoni diretta li ntebaħ li forsi kienet dwar hekk.

**Carmel Gafa'**, uffiċjal tal-infurzar fi ħdan l-Awtorita' konvenuta, xehed[40] li l-Avviż Biex Tieqaf u ta' Twettiq numru ECF/844/96 ġie segwit b'azzjoni diretta li seħhet fl-2009 sabiex mis-sit in mertu tneħħa materjal inert u ħajt mat-triq li ma' kienx mibni kif meħtieġ.

Jeżebixxi ritratt mill-ajru li fuqu indika, *inter alia*, dak li kien tneħħa dakinhar tal-azzjoni diretta.[41] Jgħid li l-ħajt li tneħħa kien jinsab mat-triq prinċipali u fuq il-pjanta huwa mmarkat bħala *"boundary wall abutting street constructed in breach of the enforcement notice"*.

Jgħid li tali ħajt kien inbena wara l-ħruġ tal-Avviż tal-1996.

Jgħid li bħala ħitan kien hemm varji b'uħud minnhom kienu ġew regolati permezz ta' applikazzjoni "DNO" – *Development Notice Order*. Iżid li minkejja dan, wara l-ħruġ tal-Avviż kien seħħ ksur tal-istess Avviż. Jgħid li kien qisu ġie "sfidat" l-Avviż billi nbena ħajt madwar it-triq kontra kull ordni li ħarġet l-Awtorita'. Jgħid li oltre dan fis-sit intefa materjal inert b'dan li kienet għalhekk ittieħdet id-deċiżjoni li sseħħ azzjoni diretta.

Jeżebixxi prova li l-Awtorita' ħallset lill kull min kien involut fl-azzjoni diretta.[42]

Jeżebixxi wkoll varji ritratti mill-ajru li juru x'kien hemm fuq is-sit qabel inħareġ l-Avviż u x'ġara wara sakemm seħhet l-azzjoni diretta.[43]

---

[40] Traskrizzjoni a fol 201 sa 204.
[41] Ritratt a fol 205.
[42] Dokumenti a fol 209 sa 213.
[43] Ritratti a fol 206 sa 208.

**In kontro-eżami**, xehed[44] li d-deċiżjoni sabiex tittieħed azzjoni diretta sseħħ fuq livell għoli fi ħdan l-Awtorita' fejn ikun anke nvolut il-kap eżekuttiv. Iżid li ma' jafx jekk qabel ittieħdet tali deċiżjoni fil-każ in mertu ġiex verifikat jekk kienx hemm permess.

**In re-eżami**, xehed[45] li l-permess PA 06006/00 m'għandux x'jaqsam mall-azzjoni diretta li kienet seħħet. Iżid li dan huwa kompletament estranju għas-sit.

## C. Ikkunsidrat:

### Preliminari:

Dan ir-rikors sar ai termini tal-Artikolu 90(7) tal-Att Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp, Kap. 504, Liġijiet ta' Malta li jaqra kif isegwi:

**90.**
[…]
*(7) Id-dikjarazzjoni msemmija fis-subartikolu (6) għandha tiġi notifikata lid-debitur permezz ta' att ġudizzjarju u għandu jkollha l-istess effett bħal sentenza finali tal-qorti kompetenti kemm-il darba d-debitur, fi żmien għoxrin ġurnata minn meta ssirlu n-notifika ta' dik id-dikjarazzjoni, ma jopponix dik it-talba billi jippreżenta rikors fejn jitlob li l-qorti tiddikjara l-pretensjoni bħala waħda infondata.*

Is-subinċiż sitta (6) tal-Artikolu 90 li għalih jirreferi is-subinċiż sebgħa (7) suċċitat jaqra kif isegwi:

90.
**[…]**
*(6) Meta l-Awtorità tkun trid tħarrek biex tirkupra dejn dovut lill-Awtorità taħt xi liġi jew regolamenti li hija jkollha jedd tenforza, iċ-Chairman, l-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni jew kull uffiċjal ieħor tal-Awtorità awtorizzat kif imiss mill-Awtorità biex jaġixxi f'isimha jista' jagħmel dikjarazzjoni bil-ġurament quddiem ir-Reġistratur tal-Qrati jew quddiem uffiċjal awtorizzat li jamministra l-ġurament għal skopijiet ġudizzjarji, fejn huwa jiddikjara xi tkun ix-xorta tad-dejn u l-isem tad-debitur u jikkonferma li dan ikun dovut.*

---
[44] Traskrizzjoni a fol 233 u 234.
[45] Traskrizzjoni a fol 235.

Min dawn iż-żewġ subinċiżi tal-Artikolu 90 jemani allura li sabiex tirkupra dejn dovut lilha l-Awtorita' tal-Ippjanar *ivi* konvenuta jeħtieġilha li, tramite *ċ-Chairman, l-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni jew kull uffiċjal ieħor tal-Awtorità awtorizzat kif imiss mill-Awtorità biex jaġixxi f'isimha* tagħmel *dikjarazzjoni bil-ġurament quddiem ir-Reġistratur tal-Qrati jew quddiem uffiċjal awtorizzat li jamministra l-ġurament għal skopijiet ġudizzjarji* fejn tiddikjara *xi tkun ix-xorta tad-dejn u l-isem tad-debitur* u tikkonferma li tali dejn ikun dovut.

Tali dikjarazzjoni għandha mbagħad tiġi debitament *notifikata lid-debitur permezz ta' att ġudizzjarju u għandu jkollha l-istess effett bħal sentenza finali tal-qorti kompetenti kemm-il darba d-debitur, fi żmien għoxrin ġurnata minn meta ssirlu n-notifika ta' dik id-dikjarazzjoni, ma jopponix dik it-talba billi jippreżenta rikors*.

Fil-każ in mertu jirriżulta nkontestat li l-Awtorita' konvenuta hekk għamlet wara li nkorriet spejjeż li hija tattribwixxi għall nuqqas tal-attur Carmel Azzopardi, missier ir-rimanenti atturi aħwa Azzopardi, f'li jaderixxi ma' l-Avviż Biex Tieqaf u ta' Twettiq numru ECF/844/96 maħruġ fil-konfront tiegħu.

Dan tant li l-attur/i nfishom, fir-rikors promotur tagħhom magħmul ai termini tas-subinċiż sebgħa (7) tal-Artikolu 90 jippremettu skjettament li huwa – l-attur oriġinali Carmel Azzopardi – *ġie notifikat b'att ġudizzjarju maħruġ mill-Awtorita' intimata ai termini tal-artikolu 90, subinċiżi 5 u 6 tal-Kapitolu 504 tal-Liġijiet ta' Malta, permezz ta' liema ittra uffiċjali l-esponenti ġie interpellat iħallas lill-Awtorita' ta' Malta dwra l-Ambjent u l-Ippjanar is-somma ta' tlett elef, erba' mija u tmenin Euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€3,480.69), rappreżentanti allegat ħlas dovut lill-istess Awtorita' għal direct action, ossia l-eżekuzzjoni tal-allegat avviż ta' twettiq numru ECF 844/96.*[46]

Oltre dan, il-fatt li tali att ġudizzjarju ossia l-ittra ġudizzjarja numru 327/14 tat-23 ta' Ġunju, 2014 ġiet debitament notifikata lill-attur Carmel Azzopardi u kienet tikkontjeni d-dikjarazzjoni opportuna minn xi uffiċjal tal-istess Awtorita' kif jirrekjedi s-subinċiż sitta (6) tal-Artikolu 90 jirriżulta mill-vera kopja tal-istess ittra li tinsab in atti a fol 65 *et seq* u, senjatament, mit-timbru tan-notifika li jinsab in verso paġina tal-fol 65 u mid-dikjarazzjoni a fol 67.

[46] Ref.: l-ewwel (1) premessa tar-rikors promotur.

B'dan iżda li l-attur/i lmentaw, primarjament; li l-Awtorita' konvenuta qatt ma' setgħet tipproċedi kontrihom b'tali mod stante li l-Kap. 504 li minnu temani l-proċedura adoperata mill-Awtorita' konvenuta daħal fis-seħħ – skonthom – fit-13 ta' Lulju, 2010[47] u allura wara li l-azzjoni diretta mertu tal-pretensjoni tal-Awtorita' konvenuta li kienet ġiet eżegwita fit-30 ta' Lulju, 2009.[48]

Oltre għal dan, l-attur/i lmentaw ukoll li l-azzjoni kienet preskritta ai termini tal-Artikoli 2137 u 2149(a) tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16, Liġijiet ta' Malta; li fi kwalunkwe' każ l-Awtorita' konvenuta naqsset milli tinnotifika lill-attur/i bl-Avviż Biex Tieqaf u ta' Twettieq u/jew bil-ħsieb tagħha li twettaq azzjoni diretta; li għalhekk l-azzjonijiet tal-Awtorita' saru bi ksur tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali nkluż tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja għad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem; li l-infurzar li sar mill-Awtorita' konvenuta permezz tal-azzjoni diretta sar fuq ħajt li ma' kienx proprjeta' tal-attur/i iżda kien ħajt tat-triq ġja mibni minn ħaddiema tal-Gvern Ċentrali, u li, mingħajr ebda preġudizzju għal dan kollu; l-Awtorita' konventa trid tipprova l-ammont mitlub minnha ossia kif hija wasslet għal tali ammont tenut ukoll kont tal-prinċipji tal-minimizzazzjoni tad-danni.

Minkejja dan, l-attur/i llimitaw it-talbiet tagħhom għal talba għal dikjarazzjoni li l-ammont mitlub mill-Awtorita' tal-Ippjanar m'huwiex dovut u li, jekk jinstab li xi ammont huwa dovut; tali ammont huwa eżeġerat u għandu jiġi rivedut.

B'dan ukoll li l-lanjanza tal-attur/i dwar il-preskrizzjoni ġiet sorvolata meta l-istess attur/i rtira/w l-istess.[49]

L-Awtorita' konvenuta laqgħat għat-talbiet atturi billi, *inter alia*, eċċepiet illi f'kull pass meħud minnha hija debitament aġixxiet in linja mad-drittijiet tagħha skond il-liġijiet viġenti, b'dan li jekk l-Artikolu 90 daħal fis-seħħ wara li hija għamlet l-azzjoni diretta, dan ma' jfissirx li hija ma' setgħetx u/jew ma' tistax tutilizza proċeduri viġenti sabiex tirkupra dak dovut lilha; li l-artikoli tal-preskrizjzoni nvokati mill-attur/i ma'

[47] Filf-att daħal fis-seħħ fit-30 ta' Novembru, 2010.
[48] Data riflessa fil-kont mertu ta' dawn il-proċeduri, ref.; *inter alia*, kopja tal-istess a fol 66, u li ġiet ukoll ikkonfermata mix-xhieda tal-Awtorita' konvenuta.
[49] Ref.: verbal a fol 74.

japplikawx għal-proċedura li wasslet għal din id-deċiżjoni; illi n-notifiki neċessarji sabiex jitqiesu sodisfatti r-rekwiżiti tal-artikoli viġenti seħħew kif imiss; illi l-lanjanzi tal-attur/i dwar ksur tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali jeżorbitaw il-ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti, oltre li huma nfondati; illi mhux minnu li l-infurzar li seħħ fl-azzjoni diretta sar fuq xi proprjeta' oltre għal dik tal-attur/i, u; li dwar l-ammont mitlub, il-piż tal-prova jinsab fuq l-attur/i li eżerċitaw id-drittijiet tagħhom ai termini tas-subinċiż sebgħa (7) tal-Artikolu 90, Kap. 504 b'dan li, kull kif, hija m'għandha ebda diffikolta tressaq provi dwar l-istess.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Magħdud dan, u qabel xejn, din il-Qorti tosserva li minkejja li l-attur/i la premettew u wisq anqas talbu speċifikatament sabiex l-azzjoni diretta li għamlet l-Awtorita' konvenuta u t-talba għal ħlas magħmulha minnha b'riżultat tal-istess jiġu meqjusa u dikjarati effettivament invalidi abbażi ta' allegazzjoni li għamlu aktar tard tul il-ġbir tal-provi waqt l-andament tal-proċeduri li wasslu għal din id-deċiżjoni li l-azzjoni diretta tal-Awtorita' konvenuta seħħet fuq proprjeta' monita' b'permess ta' żvilupp; tali allegazzjoni saret u ġiet anke kkontestata mill-Awtorita' konvenuta b'dan li issa din il-Qorti ma' tistax tinjoraha iżda jeħtieġ li tikkunsidraha.

Infatti tul l-andament tal-proċeduri u l-ġbir tal-provi, l-attur/i ppreżenta/w nota tat-22 ta' Frar, 2023[50] b'anness magħha varji dokumenti li juru proċeduri segwiti mill-attur oriġinali Carmel Azzopardi u/jew ċerta Victoria Azzopardi sabiex ingħata/w permess/i għal bini ta' xi ħajt jew ħitan partikolari.

Dawn id-dokumenti jikkonsistu, *inter alia*, fis-segwenti:

- Ittra mibgħuta mil-Awtorita' konvenuta lill-perit tal-attur Carmel Azzopardi, il-Perit Guido J. Vella, nhar is-16 ta' Ottubru, 1997 fejn l-istess perit ġie nfurmat li in segwitu tan-notifikazzjoni magħmulha minnu dwar il-bini ta' ħajt ta' retenzjoni f'raba' "tal-Qaċċa" fix-Xagħra, Għawdex, huwa ma' kellu bżonn ebda permess ta' żvilupp stante li l-iżvilupp propost huwa permess ai termini ta' *Class 2(vii), Maintenance of Buildings/Structures;*[51]

[50] Nota a fol 173 b'dokumenti a fol 174 *et seq.*
[51] Ref.: ittra a fol 174.

- Permess li jġib in-numru PA 06006/00 maħrug nhar id-9 ta' Novembru, 2000 lill ċerta Victoria Azzopardi *to sanction the demolition of rubble wall and erection of same in franka stone* f'sit *Azzopardi House, Triq il-Qaċċa, Xagħra, Gozo,*[52] u;

- Pjanta relattiva għal permess numru PA 06006/00.[53]

Għal tali dokumenti l-Awtorita' konvenuta dehret tirrispondi permezz tax-xhieda tar-rappreżentant tagħha Carmel Gafa' li, waqt ix-xhieda tiegħu quddiem din il-Qorti, eżebixxa ritratt mill-ajru li fuqu mmarka, *inter alia*: [i] s-sit suġġett għall-azzjoni diretta li ħadet l-Awtorita' sabiex infurzat l-Avviż Biex Tieqaf u ta' Twettiq numru ECF/844/96; [ii] fejn eżatt saret l-azzjoni diretta ta' nfurzar u fuq xiex, kif ukoll; [iii] il-ħajt relattiv għall-permess numru PA 06006/00.

Magħdud dan, jiġi osservat li oltre għall fatt li fil-kontroeżami u r-reeżami tiegħu, tali xhud Carmel Gafa' xehed skjettament li l-permess PA 06006/00 m'għandux x'jaqsam mall-azzjoni diretta li kienet seħħet, u jżid li dan huwa kompletament estranju għas-sit,[54] u dan minkejja li xehed ukoll li ma' kienx edott mill-fatt jekk qabel ittieħdet d-deċiżjoni sabiex isseħħ l-azzjoni diretta ġiex verifikat jekk kienx hemm permess;[55] mid-dokumenti nfishom eżebiti mill-attur/i man-nota tagħhom tat-22 ta' Frar, 2023 hawn aktar 'il fuq ikkunsidrati; jirriżulta li l-azzjoni diretta meħudha mill-Awtorita' konvenuta wara l-Avviż Biex Tieqaf u ta' Twettiq numru ECF/844/96 ittieħdet l-isfel mis-sit jew sitijiet koperti mit-tali dokumenti.

B'dan li għalhekk l-allegazzjoni ta' l-attur/i li l-Awtorita' konvenuta setgħet aġixxiet fuq xi proprjeta' taghhom li, wara l-ħrug tal-Avviż Biex Tieqaf u ta' Twettiq numru ECF/844/96 li nħareġ nhar it-30 ta' Mejju, 1996, kien ġie kopert b'xi esklużjoni – ref. l-ittra mibgħuta mill-Awtorita' konvenuta lill-Perit Guido J. Vella datata s-16 ta' Ottubru, 1997 – u/jew minn xi permess – ref. il-permess numru PA 06006/00 maħrug nhar id-9 ta' Novembru, 2000 – ilkoll suċċitati; ma' tinsabx ġustifikata.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

---

[52] Re.: permess a fol 179 *et seq.*
[53] Ref.: pjanta a fol 182
[54] Traskrizzjoni a fol 235.
[55] Traskrizzjoni a fol 233 u 234.

Darba ppruvat li l-azzjoni diretta meħudha mill-Awtorita' konvenuta ma' seħħitx fuq xi proprjeta' debitament koperta b'xi permess regolarment maħrug minnha wara li kien nħareg l-Avviż Biex Tieqaf u ta' Twettiq numru ECF/844/96, jibqa sabiex din il-Qorti tqies, in-linja mal-argumenti mressqa mill-attur/i fir-rikors promotur tagħhom u mall-eċċezzjonijiet sollevati mill-Awtorita' konvenuta, jekk:

i. Fl-eżekuzzjoni tal-azzjoni diretta meħudha minnha, u in anteċipazzjoni għall-istess; l-Awtorita' konvenuta ħarsitx l-obbligi u rekwiżiti mposti mill-liġi, u;

ii. Fl-affermattiv ta' dan; jekk l-ammont mitlub minnha b'riżultat tat-teħid minnha tat-tali azzjoni diretta huwiex ġustifikat tenut kont taċ-ċirkostanzi tal-każ.

***Dwar jekk l-Awtorita' konvenuta ħarsitx l-obbligi u rekwiżiti mposti mill-liġi fl-eżekuzzjoni tal-azzjoni diretta meħudha minnha u f'dak li seħħ qabel l-istess***:

Jibda sabiex jingħad li kuntrarjament għal dak allegat mill-attur/i fil-premessi tagħhom *ivi* kontenuti fir-rikors promotur li ta bidu għall-azzjoni li wasslet għal din id-deċiżjoni; din il-Qorti taqbel mat-teżi tal-Awtorita' konvenuta li l-fatt li l-proċedura li segwit l-istess Awtorita' sabiex għamlet it-talba tagħha għal ħlas skontha dovut lilha mill-attur/i ddaħlet fis-seħħ wara li kienet saret l-azzjoni diretta meħudha minnha ma' jfissirx li hija ma' setgħetx tutilizza l-għodda magħmulha disponibbli għalija mill-liġi sabiex tirkupra dak meqjus bħala dejn dovut lilha.

Semmai, dak li jipproteġi l-prinċipju dwar in-nuqqas tal-applikazzjoni retrospettiva tal-liġi m'huwiex li l-leġislatur idaħħal fis-seħħ metodi u għodod ġodda sabiex jitħarrsu drittijiet pretiżi iżda l-fatt li kwistjoni li darba ma' kienitx illegali ma' ssirx illegali retroattivament bid-dħul fis-seħħ ta' xi liġi ġdida.

Fil-każ odjern, l-Awtorita' konvenuta debitamet ħarget l-Avviż Biex Tieqaf u ta' Twettiq numru ECF/844/96 nhar it-30 ta' Mejju, 1996 u dan

kontra l-attur oriġinali Carmel Azzopardi relattivament għall *żvilupp li jikkonsisti f'bini ta' ħajt f'għalqa u plant yard mingħajr permess*.[56]

Tul l-andament tal-proċeduri li wasslu għal din id-deċiżjoni, l-attur/i dehru jikkontetsaw li qatt seħħet notifika ta' dan l-Avviż u anke jekk tali Avviż kienx fil-fatt jolqot proprjeta' tagħhom jew ħajt tat-triq mibni minn ħaddiema tal-Gvern Ċentrali.

Dwar dan, l-Awtorita' konvenuta ressqet prova f'forma ta' *pink card* maħruġa mill-Posta ta' Malta.[57] Minkejja dan, tali *pink card* qajla tagħti nformazzjoni u ċertament ma' tagħti ebda ħjiel ta' x'kienet il-korrispondenza koperta minnha li ġiet mwassla lid-destinatarju hemm imsemmi – Carmel Azzopardi – jew xi ħadd li aċċetta l-istess f'ismu.

B'dan iżda li tali dubbju dwar seħħitx jew le n-notifika rikjesta mill-liġi tal-Avviż Biex Tieqaf u ta' Twettiq numru ECF/844/96 ta' nhar it-30 ta' Mejju, 1996 huwa sorvolat minn eżami tad-deċiżjoni mogħtija mil-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar nhar it-30 ta' Settembru, 1997 fl-ismijiet *Carmel Azzopardi vs l-Awtorita' ta' l-Ippjanar* li taqra senjatament li l-istess tirreferi għall *l-appell ippreżentat fid-19 ta' Ġunju, 1996, mill-Avukat Dottor Carmel Galea LL.D. f'isem l-appellant* – Carmel Azzopardi – *minn avviż biex tieqaf u ta' twettiq maħruġ mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar fil-konfront tal-appellant fit-30 ta' Mejju, 1996.*

Dwar jekk il-ħajt milqut bl-Avviż Biex Tieqaf u ta' Twettiq numru ECF/844/96 kienx tal-attur/i jew pubbliku kif allega/w l-attur/i fir-rikors promotur tagħhom – inkluż fit-tieni talba hemm kontenuta; jirriżulta wkoll bħala stat ta' fatt li fl-appell talvolta ntavolat mill-attur oriġinali Carmel Azzopardi kontra l-istess Avviż; Azzopardi rrikonoxxa bħala stat ta' fatt li l-istess kien tiegħu, mibni minnu fi proprjeta' tiegħu.[58]

Huwa għalhekk li din il-Qorti tikkonkludi li mingħajr ombra ta' dubbju n-notifika tal-Avviż Biex Tieqaf u ta' Twettiq numru ECF/844/96 kif meħtieġa *ad validatem* ai termini ta' l-Artikolu 86 tal-Kap. 504 seħħet validament.

---

[56] Ref.: Avviż a fol 16 u għal darb'oħra a fol 48.
[57] Ref.: *pink card* a fol 17, li bħala data tal-aċċettazzjoni ta' ittra ġġib dik tat-13 ta' Ġunju, 1996.
[58] Ref.: in partikolari, is-sottomissjonijiet magħmulahfl-appell għan-nom ta' Carmel Azzoaprdi kif riprodotti fil-paġan tad-deċiżjoni tla-Bordf ta' l-Appell dwar l-Ippjanar li tinsab a fol 49a.

L-attur/i jidhru iżda jallegaw li l-Awtorita' konvenuta kellha wkoll taċċerta notifika lilhom tal-fatt li kien beħsiebha tagħmel azzjoni diretta.[59]

Dwar tali pretensjoni l-attur/i ma' jiċċitaw ebda proviżżjoni legali anzi jidhru jikkonfondu l-obbligu tal-Awtorita' f'li tinnotifika Avviż jew Ordni ai termini tal-Artikolu 86 tal-Kap. 504 bħala obbligu wkoll li tinnotifika tali ntenzjoni tagħha.

Din il-Qorti ma' taqbilx.

Eżami tad-diċitura tal-partijiet rilevanti ta' l-Artikolu 90 tal-Kap. 504 juri fil-fatt mod ieħor:

> **90.** *(1) Jekk xi passi jew azzjoni oħra, kompriżi s-sospensjoni, twaqqif jew ħtieġa oħra bħal dik, meħtieġa li jittieħdu b'avviż ta' twettiq ma jkunux ittieħdu fiż-żmien speċifikat hemmhekk,* ***l-Awtorità tista' tidħol fl-art****, jew f'area tal-baħar* ***u tieħu dawk il-passi jew azzjoni oħra kif imsemmijin, inklużi l-iżmantellar jew it-tneħħija ta'*** *xi apparat, makkinarju, għodod, beni,* ***vetturi jew xi oġġetti oħra li jistgħu jkunu fis-sit u l-għemil ta' kull xogħol meħtieġ biex twettaq dak mitlub fl-avviż ta' twettiq u għal dan il-għan tista' titlob l-għajnuna tal-Korp tal-Pulizija****, ta' kull kunsill lokali, kull dipartiment tal-Gvern jew kull aġenzija tal-Gvern; u l-Korp tal-Pulizija għandu għal dan il-għan jeżerċita dawk is-setgħat mogħtija lilu bil-liġi.*
>
> *(2)* ***Fejn it-tneħħija ta' żvilupp illegali bilfors tinvolvi t-tneħħija wkoll ta' żvilupp li mhux illegali, l-Awtorità tista'tipproċedi biex tneħħi wkoll dak l-iżvilupp l-ieħor*** *li t-tneħħija tiegħu tkun meħtieġa kif hawn qabel imsemmi.*
>
> *[...]*
>
> *(5)* ***L-ispejjeż kollha li raġonevolment isiru mill-Awtorità biex tesegwixxi avviż ta' twettiq skont dan l-artikolu, jew kull ammont ieħor dovut lill-Awtorità skont xi dispożizzjoni oħra ta' dan l-Att jew xi regolamenti magħmulin taħt l-istess Att, ikunu jistgħu jiġu rkuprati mill-Awtorità bħala dejn ċivili*** *mill-persuna li f'dak iż-żmien tkun sid l-art, jew tokkupa l-art, jew li b'xi mod tkun responsabbli għall-*

[59] Ref.: l-ewwel żewġ premessi li jirriżultaw fit-tieni paġna tar-rikors promotur tagħhom wara ċ-ċitazzjoni minnhom tal-Artikolu 86(3) tal-Kap. 504 liema paġna tinsab a fol 2.

*għemil indikat f'xi avviż, inkluż avviż ta' ħlas, jew applikant, bla ħsara għal kull jedd ta' dik il-persuna li tirkuprahom mingħand xi persuna oħra.*

*[…]*

[enfażi ta' din il-Qorti]

Minn eżami akkurat tal-proviżżjonijiet tal-Artikolu 90 tal-Kap. 504 suċċitati, ma' jirriżulta ebda obbligu gravanti lill-Awtorita' konvenuta sabiex tinnotifika l-intenzjoni tagħha li tkun sejra tipproċedi b'azzjoni diretta. Anzi, l-artikolu jispeċifika kif l-Awtorita' tista tidħol u tieħu dawk il-passi neċessarji nkluż l-iżmantellar u tneħħija ta' vetturi u oġġetti li jinstabu fis-sit u t-tneħħija ta' kull żvilupp illegali a spejjeż ta' dawk responsabbli mis-sit liema spejjeż ikunu rekuperabbli minnha bħala dejn ċivili.

Dan kien fil-fatt dak li seħħ kontra l-attur/i odjern/i qabel tali spejjeż inkorsi mill-Awtorita' konvenuta fl-eżekuzzjoni minnha tal-azzjoni diretta ġew debitament notifikati lill-attur/i skond is-subinċiżi sitta (6) u sebgħa (7) tal-Artikolu 90 tal-Kap. 504 u wara li l-Awtorita' konvenuta aderexxit mall-proviżjonijiet tal-Artikolu 86 tal-Kap. 504 billi nnotifikat l-Avviż opportun lill-attur/i, kif diġa' ikkunsidrat hawn aktar 'il fuq f'din id-deċiżjoni u – dwar is-subinċiżi sitta (6) u sebgħa (7) tal-Artikolu 90 tal-Kap. 504 – ser isiru kunsiderazzjonijiet addizzjonali aktar 'il quddiem f'din id-deċiżjoni.

***Dwar jekk l-ammont mitlub mill-Awtorita' konvenuta bi ħlas ta' dak magħmul minnha jew f'isimha waqt l-azzjoni diretta huwiex ġustifikat tenut kont taċ-ċirkostanzi tal-każ***:

Jibda sabiex jingħad li l-kont relattiv għall-azzjoni diretta meħudha mill-Awtorita' konvenuta fis-sit tal-attur/i ġie debitament notifikat lill-attur/i.

Notifika potenzjali tat-tali kont possibilment li saret b'ittra legali tal-15 ta' Mejju, 2014.[60] B'dan iżda li din il-Qorti hija konsapevoli li l-hekk msejħa *pink card* maħruġa mill-Posta ta' Malta ma' tagħti ebda nformazzjoni dwar il-kontenut tal-korrispondenza li tkun twasslet b'din il-Qorti m'għandix

[60] Ref.: ittra a fol 145 b'avviż ta' riċevuta maħruġ mill-Posta ta' Malta a fol 146.

mod kif taċċerta ruħha li dak li tirreferi għalih ikun fil-fatt xi dokument li jinġieb quddiemha.

Minkejja dan, in-notifika tal-kont in mertu ċertament li seħħet bl-ittra uffiċjali li waslet għal dawn il-proċeduri odjerni kif rikjest a tenur tas-subinċiżi sitta (6) u sebgħa (7) tal-Artikolu 90 tal-Kap. 504.[61]

Il-kont in kwistjoni huwa ghalhekk dak numru "INV5959" li għalih tirreferi l-ittra uffiċjali msemmija, liema ittra ġġib in-numru 327/14, hija datata t-23 ta' Ġunju, 2014, u magħha kien anness.[62]

L-ispjegazzjoni ta' kif inħadem tali kont ingħatat b'mod ċar mix-xhud mressaq mill-Awtorita' konvenuta, ir-rappreżentant tagħha Mark Cini.

Tali xhud spjega b'mod ċar u dettaljat kif wara azzjoni diretta, l-Awtorita' tiġbor dettalji varji nkluż [i] il-kariga u n-numru ta' siegħat li l-uffiċjali tagħha jkunu għamlu fuq sit; [ii] is-siegħat u spejjeż relatati ma' l-uffiċjali tal-Pulizija Eżekuttiva ta' Malta li jkunu prestaw is-servizz tagħhom waqt l-istess azzjoni diretta, kif ukoll; [iii] is-siegħat u spejjeż relatati mal-ħaddiema u tal-inġenji adoperati mill-kuntrattur ingaġġjat sabiex jassisti fit-tneħħija tal-illegalitajiet u t-tindif – f'dan il-każ, il-kuntrattur *Central Apshalt Limited*. Wara dan tgħaddi sabiex toħroġ il-kont aħħari tagħha li jkun jinkopora fih tali spejjeż kollha kif ukoll dawk amministrattivi relattivi għall-proċedura ta' rkupru tal-ispejjeż adoperata minnha.

Dwar dan, l-istess xhud Cini ressaq varji dokumenti kompriżi l-kontijiet maħruġa lill-Awtorita' mill-Pulizija Eżekuttiva ta' Malta u mill-kuntrattur relattiv dwar l-involviment tagħhom fl-azzjoni diretta[63] u; il-kont dettaljat maħrug mill-Awtorita' konvenuta li jagħti rendikont ta' kull aġent tagħha, kull uffiċjal tal-pulizija, u kull ħaddiem tal-kuntrattur relattiv li kien fuq is-sit dakinhar tal-azzjoni diretta.[64]

L-istess xhud spjega wkoll kif dwar il-ħtieġa ta' l-aġenti proprju tagħha tieħu ħsieb hi filwaqt li dwar in-numru neċessarju ta' uffiċjali tal-pulizija, ħaddiema tal-kuntrattur, u nġenji tal-kuntrattur jieħdu ħsieb il-Pulizija

[61] Ref.: varji kopji tal-ittra uffiċjali in atti nkluż a fol 65 *et seq*, fejn tirriżulta kopja vera tal-istess nkluż tat-timbru ta' notifika – in verso paġina tal-fol 65.
[62] Ref.: kopja verifikata tal-kont a fol 66.
[63] Ref.: dokumenti a fol 59, 60, 61, u 62- dak a fol 62 eżebit għal darb' oħra f'forma aktar ċara a fol 142a u 143.
[64] Ref.: dokument a fol 58.

Eżekuttiva ta' Malta u l-kuntrattur rispettivament u skond il-ħtieġa dipendentement mis-sit in kwistjoni.

Din il-Qorti ma' tarax li l-kalkoli magħmulha mill-Awtorita' konvenuta kif ukoll il-fatturi maħruġa mill-Pulizija Eżekuttiva ta' Malta u mill-kuntrattur relattiv ġew b'xi mod validament ikkontestati mill-attur/i u anqas tħoss li l-istess kienu b'xi mod jew manjiera gonfjati u huma għalhekk eżegerati kif ġie allegat mill-attur/i.

Għaldaqstant ma' jibqax għajr sabiex din il-Qorti tikkonferma l-kont aħħari numru "INV5959" maħruġ mill-Awtorita' konvenuta kif anness mall-ittra uffiċjali numru 327/14 tat-23 ta' Ġunju, 2014 u kif hawn bil-proċeduri li wasslu għal din id-deċiżjoni ġie kkontestat mill-attur/i bħala debitament dovut fl-intier tiegħu.

***Notament dwar l-allegazzjoni premessa fir-rikors promotur tal-attur/i dwar l-ksur tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali stante allegata nuqqas ta' notifika:***

Mir-rikors promotur tal-attur/i jirriżulta ndubjament li l-istess attur/i allaċċjaw l-allegazzjoni tagħhom li fil-konfront tagħhom ġew miksura l-prinċipji tal-ġustizzja naturali ma' allegazzjoni ta' nuqqas ta' notifika lilhom ta' xi att li skonthom kellu jiġi debitament notifikat.[65]

Dwar tali allegazzjoni, apparti li ma' tressqet ebda talba formali sabiex tingħata xi tip ta' dikjarazzjoni, din il-Qorti tqies li kif hawn aktar 'il fuq f'din id-deċiżjoni ġie diġa' osservat; in-notifiki li kienu rikjesti li jsiru mill-Awtorita' konvenuta skond il-provvedimenti tal-artikoli relattivi tal-Kap. 504, Liġijiet ta' Malta, ilkoll seħħu.

Għaldaqstant, din il-Qorti ma' baqala xejn x'iżżid dwar dan.

**Deċide:**

Għaldaqstant, in vista tal-premess u għar-raġunijiet kollha hawn fuq espressi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt

[65] Ref.: l-ewwel u t-tieni premessi tal-attur/i wara ċ-ċitazzjoni minnhom tal-Artikolu 86(3) tal-Kap. 504 fit-tieni paġna tar-rikors promotur tagħhom liema paġna tinsab a fol 2.

li tiddisponi mill-eċċezzjonijiet tal-Awtorita' konvenuta konformement ma' dak hawn deċiż; tiċħad it-talbiet atturi *in toto*.

Bl-ispejjeż ta' din il-kawża a karigu tal-atturi.

(ft.) Dr. Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft.) Daniel Sacco
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur